minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

# Mark Knopfler ċelebri – diżappunt għan-nostalġija ta' Dire Straits

17 ta' Lulju 2013. Il-Fosos tal-Furjana. Il-kunċert ta' Mark Knopfler fostna bħala parti mit-*tour* estensiv li qed jagħmel bħalissa madwar l-Ewropa biex jippromwovi l-aħħar xogħol tiegħu bħala solista fl-album doppju *Privateering*, jista' jitqies bħala mużikalment eċċellenti. Iżda għal dawk li baqgħu ankrati man-nostalġija tal-leġġenda Dire Straits, żgur li kellhom aspettattivi kbar u tama li Knopfler seta' jwasslilhom doża tajba ta' dak iż-żmien.

Dire Straits ilhom li nfirdu 20 sena u Knopfler evolva matul is-snin u tana bosta materjal sofistikat u llum għandu aktar albums minn dak li kien hareġ ma' Dire Straits. Fiż-żmien tal-lum, Knopfler ma jappellax għall-mases, artist uniku li postu hu aħjar f'teatru fejn l-interazzjoni tal-udjenza hija aktar intima.

*Privateering* joffri mużika tajba, taħlita bejn ir-rock, blues u folk li joħroġ it-teknika individwali tal-mużiċisti li ilhom idoqqu miegħu għal dawn l-aħħar 20 sena. U hekk inhass fil-kunċert fuq il-Fosos, bil-palk faċċata tal-knisja ta' San Publju, b'fillieri ta' siġġijiet quddiem il-palk li jtellfu mill-emozzjoni u l-*buzz* tal-aktar segwaċi akkaniti.

Ħafna m'għamlux distinzjoni li huma kienu qed jattendu għall-kunċert ta' Mark Knopfler bħala solista u mhux ta' Dire Straits. Dawk il-ħafna li stennew numri immortali, bħal *Sultans of Swing*, *Calling Elvis*, *Brothers in Arms*, *Money For Nothing* u tant oħrajn, ħarġu diżappuntati, uħud minnhom jitilqu f'nofsu! Forsi ġew imqarrqa mir-reklami fuq il-gazzetti u radjijiet fejn ingħata aċċenn prominenti u konsistenti għal Mark Knopfler bħala l-vuċi ta' Dire Straits, b'diska fl-isfond ta' dan il-grupp.

Inħoss li l-organizzaturi setgħu kienu aktar diretti fil-promozzjoni tagħhom, liema promozzjoni ma kinitx daqshekk kbira daqs kunċerti oħra tal-passat organizzati minn NnG. Milli jidher qed jaħsbu li m'għandhomx bżonn is-sapport tal-*media!*

L-organizzazzjoni kienet biss id-dell ta' dak li ssoltu NnG huma magħrufa għalih. Il-kunċert beda tard. *Big screens* ineżistenti. Il-ħoss fuq quddiem kien tajjeb iżda fuq wara kien baxx li jitliflek mill-konċentrazzjoni. Ftit li xejn kien hemm ħeġġa ta' parteċipazzjoni mill-pubbliku. Ħasra!

Mark Knopfler kien brillanti, kitarrista fin. Is-*solos* tiegħu kif ukoll l-improvizzazzjoni bejnu u l-vjolinist John McCusker u Glenn Worf fuq il-kontrabaxx kienu ċelebrità bħalma kienu l-pjanista Jim Cox u l-keyboardista Guy Fletcher li jaf sew lil Knopfler mill-1984 mad-Dire Straits.

Il-*playlist* kienet simili għall-kunċert ta' Ruma li għamel fit-13 ta' Lulju li għadda. Barra materjal minn *Privateering* fosthom *I used to Could*, Knopfler wassal numri oħra fil-karriera solista, inkluż *Postcards from Paraguay*, *What it is*, *Father and Son*, *Marbletown* u *The Piper's Dream.*

L-entużjażmu ntlaħaq l-aktar f'*Romeo and Juliet* u *So Far Away* li daqqha fl-*encore. Telegraph Road* kienet ukoll inkluża iżda għalkemm joħroġ fiha l-aqwa tad-Dire Straits, inċidentalment mhix daqshekk magħrufa.

Il-kunċert ta' Knopfler jista' jitqies bħala kullana oħra ma' dawk ta' ġganti oħra bħal Robert Plant u Roger Waters, li d-dehra fostna ma tintesiex.



*Mark Knopfler fil-kunċert Fuq il-Fosos nhar l-Erbgħa li għadda (Ritratt: Martin Agius)*



**Xtreme Metal Assault 2013** li nżamm is-Sibt 13 ta' Lulju fil-Ħabs il-Qadim ta' Kordin kien suċċess mhux biss għall-parteċipazzjoni tal-*bands* u l-organizzazzjoni tajba minn Edward Tagliaferro u dawk li kellu jgħinuh, iżda wkoll għan-numru ta' segwaċi li minn edizzjoni għal oħra qed jiżdiedu.
Dan ikompli jagħmel dan ix-xenarju ħaj. Iż-żewġ *stages* allokati raw preżenza ħajja minn 15-il *band* lokali, uħud minnhom b'esperjenza ta' snin u oħrajn li jippromettu. L-ammirazzjoni kienet kontinwa, ħafna talent u grinta. Il-kollaborazzjoni bejn il-membri tal-*bands* inħasset sew. Prosit lill-*bands* kollha.

## Jirritorna l-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija

Il-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija se jirritorna wara bosta snin. Insostni li kellna bżonnu għax fuq forma internazzjonali jerġa' jitpoġġa l-ilsien Malti fil-kanzunetta, xi ħaġa li konna tlifna fil-*Malta Eurovision Song Contest.*

Festivals bħal dan ikomplu jgħinu għal aktar shubija bejn il-pajjiżi parteċipanti u jagħti wkoll opportunità lill-kompożituri, awturi u kantanti Maltin f'kuntest internazzjonali.

Nittama wkoll li naraw element barrani ta' stoffa, forsi wkoll xi isem magħruf. Jalla dan il-Festival ikun ukoll ta' alternattiva għall-kantanti li llum jitqiesu veterani u li ilna żmien ma naraw is-sehem tagħhom fil-*Malta Eurovision Song Contest.*

Intant, se ssir laqgħa għall-kompożituri, awturi u kantanti kif ukoll għal dawk kollha interessati fil-mużika Maltija. Din se ssir nhar l-Erbgħa, 24 ta' Lulju 2013 fis-Sala Isouard fil-bini tat-Teatru Manoel fil-Belt fis-6.30 ta' filgħaxija. Se jitqassmu r-regolamenti kif ukoll jingħata tagħrif importanti dwar il-festival.

Wara li daqq f'din l-edizzjoni tal-Malta Jazz Festival, it-trio lokali tal-jazz modern CUSP se jniedi l-EP debuttanti *Spiritual Ritual* nhar il-Ħadd li ġej, bħal-lum ġimgħa, fil-bitħa tal-MITP fil-Belt. F'din il-lejla ta' tnedija, se jkun hemm stedina ta' kollaborazzjoni bejn id-daqq ta' The Rubberbodies Collective u l-letteratura ta' Adrian Grima. Se jkun hemm *stand* tal-ikel minn Gochi Sushi Restaurant. L-EP se jkun għall-bejgħ waqt l-avveniment. Kulħadd hu mistieden. Il-bibien jiftħu fis-7.30 ta' filgħaxija. Għal aktar tagħrif dwar CUSP ara l-paġna tal-*facebook.*


